MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 566/2009

**Charles Farrugia (ID 483452M)**
**bhala Direttur uniku tal-Kumpannija IFIX TRADE LIMITED (C38861)**

***kontra***

**IFIX TRADE LIMITED (C38861)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors presentat fl-10 ta' Gunju 2009 li jaqra hekk:-

*1. Illi r-rikorrenti huwa l-uniku Direttur appuntat fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpannija skond il-Memorandum u l-Istatut ta' Assocjazzjoni tal-Kumpannija (Dokument A) ;*

*2. Illi fil-kompetenza tieghu bhala l-uniku Direttur tal-Kumpannija, ir-rikorrenti jinsab f'qaghda tajba sabiex jevalwa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kumpannija ;*

*3. Illi r-rikorrenti identifika debiti sostanzjali li huma dovuti mill-Kumpannija fil-konfront ta' bosta kredituri ;*

*4. Illi l-ispejjes operazzjonali tal-Kumpannija jissorpassaw il-qliegh tal-Kumpannija ;*

*5. Illi, kif jista' jigi pruvat ahjar waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, il-Kumpannija m'hiex qieghda u m'hiex ser tkun f'posizzjoni li thallas id-djun taghha u ghalhekk hemm ragunijiet bizzejjed biex is-socjeta' intimata tigi xolta u stralcjata skond is-sub-Artiklu (2)(a)(ii) ta' l-Artiklu 214 ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, u ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri li jekk ikun il-kaz ikunu jistghu jingiebu waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tahtar amministratur provvizorju ghall-Kumpannija IFIX TRADE LIMITED (C38861) ai termini tal-Artikolu 228 ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana sakemm tittiehed decizjoni finali dwar dan ir-rikors ai termini ta' l-Artiklolu 219 ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) ;*

*2. Taghti ai termini ta' l-Artikolu 219 ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) ordni ghall-istralc tal-Kumpannija IFIX TRADE LIMITED (C38861) ghar-raguni pprovduta fl-Artikolu 214(2) (a)(ii) ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) ;*

*3. Tahtar, ai termini tal-Kapitolu III tas-Sub-Titolu I, tat-Titolu II tat-Taqsima V ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) stralcjarju sabiex ixolji u jwassal ghall-istralc tal-Kumpannija IFIX TRADE LIMITED (C38861) ;*

*4. Taghti, ai termini tal-Artikolu 219 ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta), dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa jew necessarji waqt l-andament tal-proceduri.*

**Rat** id-dokumenti esebiti flimkien mar-rikors.

**Rat** li minkejja debita notifika tar-rikors u tad-dokumenti lis-socjeta' intimata, lill-azzjonisti tas-socjeta' intimata u lir-Registratur tal-Kumpanniji, ma saret l-ebda risposta skond id-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Gunju 2009 (fol.12).

**Rat** id-digriet taghha tal-5 ta' Awissu 2009 (fol 21) fejn, in linea mal-ewwel talba tar-rikorrent, hatret lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala Amministratur Provvizorju tal-kumpannija de qua skond l-Art.228 tal-Kap.386, u taghtu s-setghat li jirrizultaw indikati fid-digriet.

**Rat** id-digriet taghha tat-22 ta' Settembru 2009 (fol 66) fejn awtorizzat lill-Amministratur Provvizorju sabiex – (1) wara li jaghmel sejha pubblika ghall-offerti, ibiegh l-assi tal-kumpannija li huma elenkati bhala DOK B fl-atti ghall-prezz li jirrizulta l-ahjar u l-aktar vantaggjuz ; (2) jipprezenta rendikont tal-bejgh permezz ta' nota fi zmien ghaxart ijiem wara li jkun konkjuz il-bejgh ; (3) jiddeposita l-proventi jew rikavat tal-bejgh fir-Registru ta' din il-Qorti fi zmien ghaxart ijiem wara li jkun konkjuz il-bejgh.

**Rat** id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru 2009 (fol 102) fejn awtorizzat lill-Amministratur Provvizorju sabiex mill-assi tal-kumpannija de qua jeffettwa pagament akkont ta' erbghin elf Ewro (€40,000) a favur tal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud.

**Rat** id-digriet taghha tat-18 ta' Jannar 2010 fejn halliet il-kawza ghall-udjenza tal-24 ta' Mejju 2010 ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Rat** in-nota tal-Amministratur Provvizorju tad-9 ta' Frar 2010 li taqra hekk –

*... l-oggetti mobbli ta' IFIX Trade Limited gew mibjughin dan l-ahhar permezz ta' irkant pubbliku, u li il-proventi tal-irkant, cioe' s-somma ta' tliet mija u sebat elef hames mija u hamsa u disghin elf Ewro sitta u ghoxrin centezmu*

*(€307,595.26) jinsabu depozitati mieghu f'kont bankarju appozitu ghad-disposizzjoni tal-kredituri.*

**Rat** l-atti tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha tal-25 ta' Frar 2010 fejn, wara n-nota tal-Amministratur Provvizjorju, irrikjamat il-kawza ghal-lum biex taghti d-decizjoni taghha.

**Ikkunsidrat –**

Din hija kawza fejn qed issir talba lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata skond l-Art.214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-talba qed issir mir-rikorrent bhala direttur uniku tal-istess kumpannija.

Fil-paragrafu (a) tas-subartiklu (2) tal-Art.214, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti ***tista'*** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

F'dan il-kuntest, ir-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu fuq is-subinciz (ii) tal-paragrafu (a).

Is-subinciz (ii) ighid li kumpannija tista' tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti –
*" ... jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha."*

Art.214(5) meta kumpannija tista' titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-Art.214(2)(a)(ii). Is-subartiklu (5) ghandu zewg subparagrafi.

Dak rilevanti ghall-mertu ta' din il-kawza huwa s-subparagrafu (b) li jaqra hekk –

*Jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.*

**Ikkunsidrat -**

A fol 16 tal-process, jirrizulta esebit DOK CF1 li huwa *statement of affairs* tal-kumpannija de qua fil-31 ta' Mejju 2009. Minn dan il-prospett, jirrizulta li sa dik id-data l-kumpannija kellha assi totali fl-ammont ta' €1,132,252. Kellha pero' djun fl-ammont komplessiv ta' €2,772,114. Ghalhekk kellha zbilanc ta' €1,629,862. Il-konvenut tad-dokument kien konfermat bil-gurament mir-rikorrent Charles Farrugia fl-uijenza tat-13 ta' Lulju 2009.

A fol 32 tal-process, jirrizulta esebit mill-Amministratur Provvizorju bhala DOK B *statement of affairs* tal-kumpannija de qua fil-31 ta' Awissu 2009. Minnu jirrizulta li l-izbilanc tela' ghal €1,633,438.

A fol 35 tal-process, hemm annessa lista ta' kredituri li flimkien sat-12 ta' Settembru 2009 kellhom jiehdu minghand il-kumpannija de qua s-somma ta' €2,794,478.

Minn fol 36 sa fol 61 jirrizultaw l-istimi tal-valur tal-i*stock* tal-kumpannija de qua fl-1 ta' Gunju 2009.

Minn rikors li pprezenta l-Amministratur Provvizorju fis-7 ta' Settembru 2010 rrizulta li l-kumpannija de qua kellha merkanzija valutata fl-ammont komplessiv ta' €672,700 maqsum in kwantu ghal €332,700 bhala *household gifts*, ceramika dekorattiva, *crockery* u ghamara tad-dar, u in kwantu ghal €340,000 bhala *white goods*, settijiet tat-television u diversi *appliances* varji.

Minn fol 149 et seq, jirrizultaw esebiti l-*accounts* tal-kumpannija de qua. Relattivament ghall-*management accounts* ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2008 (DOK CF4), id-direttur, fir-rapport tieghu, ighid hekk – *The company's turnover was satisfactory but due to high administrative and other expenses the results for the year disclose a net loss of €753,346. The director expects the company's trading performance will improve in the forseeable future.* Fil-*financial statements* ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007 (DOK CF5) jirrizulta li l-kumpannija kellha *net loss* ta' Lm 144,599. Skond il-*financial statements* ghas-sena li ghalqet fil-31 ta'

Dicembru 2008 (fol 179 et seq) jirrizulta li r-rapport tal-awdituri Horwath Malta li fl-ahhar paragrafu jaqra hekk - ... *the company's total liabilities exceeded its total assets by €1,822,283.*

Mix-xhieda moghtija mir-rikorrent fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2009, johrog bic-car kemm il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija baqghet sejra ghall-aghar u llum tinsab imweghra hafna ghax ghalkemm ir-rikorrent huwa l-uniku direttur, fir-realta' s-sidien jinsabu barra mill-pajjiz u minghajr *injection* regolari ta' flus minn barra, il-kumpannija ma tkampax. Huwa xehed li l-kumpannija ma kenitx qed topera, ma kienx qed isir bejgh, bil-haddiema nvoluti fir-*retail* jitpoggew fuq in-*notice* lesti biex jigu ssensjati. Is-sidien barranin ghamluha cara li riedu jaghlqu l-kumpannija u fir-realta' wettqu dan il-propositu billi hallewha kjarament sprovvista minn fondi.

**Ikkunsidrat –**

Sabiex jista' jinghad li kumpannija mhijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha ghall-fini tal-Art.214(5)(b) tal-Kap.386, il-Qorti trid tkun sodisfatta li d-djun ma jistghux jithallsu anke meta tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija. Minn esami tal-kontijiet tal-kumpannija, huwa evidenti li d-dejn tal-kumpannija baqa' jizdied sena wara l-ohra meta komparat mal-assi taghha b'mod li spiccat insolventi ghaliex is-sidien esteri tal-kumpannija ma wrewx ir-rieda li jsostnu b'finanzi adegwati u konformi mal-*committments* taghha u allura x-xoljiment u stralc taghha huma indikati ghax hekk jaqbel anke fl-interess tal-kredituri.

Dwar l-Art.214(5)(b) tal-Kap.386 din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fil-kawza **<u>"Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited"</u>** deciza fit-28 ta' Mejju 2003 esprimiet ruhha hekk -

*Din il-kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its*

*liabilities. Izda "it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assdets over a lneghty period (Re : European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk m'hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpannija tbiegh l-assets taghha biex forsi jithallsu.*

Fil-kaz tal-lum rajna kjarament li *l-assets are less than its liabilities* u dan b'mod sostanzjali, konsistenti u inekwivoku. Kull sena d-dejn jizdied u l-assi jonqsu. Inoltre l-bejgh tal-assi ghax dawn tilfu mill-valur kummercjali taghhomma jistax iwassal biex jithallsu l-kredituri. Ghalhekk il-kumpannija tinsab fi stat ta' insolvenza ghall-fini tal-Art.214(2)(a)(ii).

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti hekk tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent –**

**1) <u>Tastjeni</u> milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**2) <u>Tordna</u> lill-Amministratur Provvizorju sabiex jirredigi rapport dwar l-operat tieghu. Dan ir-rapport ghandu jigi prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti sa zmien xahar mil-lum. Kopja ta' dan ir-rapport ghandha tkun notifikata lill-Ufficjal Ricevitur.**

**3) <u>Tiddikjara</u> li hemm lok ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija IFIX Trade Limited (C38861) skond l-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.**

**4) <u>Tordna</u> li l-Amministratur Provvizorju ghandu jtemm il-hatra tieghu b'effett minn xahar mil-lum.**

**5) <u>Tordna</u> li, prevja l-adempiment tal-ordnijiet fuq riferiti moghtija llum, l-Amministratur Provvizjorju ghandu jithallas id-drittijiet u l-ispejjez tieghu.**

**6) <u>Tordna</u> x-xoljiment tal-kumpannija IFIX Trade Limited (C38861) b'effett mil-lum u tordna l-istralc taghha.**

**7) <u>Tahtar</u> lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 *et seq* tal-Kap.386.**

**8) <u>L-ispejjez</u> ta' din l-istanza thallashom il-kumpannija intimata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------